# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 15 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 74/2017 PM1**

**Gordon's Moto Dealer Limited (C31490)**

**Vs**

**Michelina Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Frar, 2017 permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u sebghin ewro (€3172) rapprezentanti bilanc pendenti u dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-bejgh ta' motorcycle tal-ghamla Kawasaki u mudell ZX10 fl-1 t'Ottubru, 2015 skont fattura annessa bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 13 ta' Settembru, 2016 u dawk tal-ittra ufficjali 2841/2016 datata 10 ta' Novembru, 2016 bl-interessi relattivi minn Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017 u fil-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment in-natura civili tal-ftehim bejn il-partijiet ai fini tal-art. 1141 tal-Kodici Civili u l-fatt li ma gewx likwidati spejjez relattivi ghall-allegata ittra legali.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi l-ispejjez legali u l-imghaxijiet ghandhom ikunu limitati ghal dak deciz hawn taht.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u sebghin ewro (€3172) rapprezentanti bilanc pendenti u dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-bejgh ta' motorcycle tal-ghamla Kawasaki u mudell ZX10 fl-1 t'Ottubru, 2015 u dawk tal-ittra ufficjali 2841/2016 datata 10 ta' Novembru, 2016 bl-interessi relattivi mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellanza gudizzjarja kontra l-istess intimata sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**